MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 192/2010

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Phone Direct Limited (C 27107).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija u dsatax-il ewro u erba u erbghin centezmu (€319.44) minghand is-socjeta' konvenuta, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut minnha ghal servizzi rezi lilha mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 1009813 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u 2009. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u dsatax-il ewro u erba u erbghin centezmu (€319.44), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------